MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 128/2011

**A B**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u l-PL Sasha Guillaimier li b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 4 ta' April 2011 gew mahtura sabiex jirraprezentaw l-assenti X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li bdiet fl-ahhar tas-sena elfejn u hamsa (2005);
2. Illi l-intimat X huwa ragel ta' nazzjonalita` Nigerjana u huwa kien gie hawn Malta sabiex jilghab il-futbol fil-Kampjonat lokali u fil-fatt huwa kien laghab ma' numru ta' klubbs fl-istess kampjonat;

3. Illi minn dina r-relazzjoni twieled tifel bl-isem ta’ V u dana fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Dicembru elfejn u sitta (2006) (certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dok. A) fejn l-intimat irrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu;
4. Illi dina r-relazzjoni baqeghet ghaddejja sakemm it-tifel minuri kellu hames xhur fejn imbaghad waqfet definittivament;
5. Illi sa meta l-intimat baqgha jghix gewwa Malta hu kien jara l-minuri b’mod sporadiku u kien jissoministra ftit li xejn *qua* manteniment f’ammonti rrizorji hafna u b’mod irregolari;
6. Illi l-intimat telaq minn Malta circa sena u nofs ilu u r-rikorrenti giet nfurmata minnu li huwa kien sejjer jilghab il-futbol gewwa l-Izrael;
7. Illi l-intimat qatt ma gie lura Malta u l-uniku kuntatt li kellha r-rikorrenti mal-intimat kien permezz tat-telefon, biss meta kien icempel hu, jew permezz tal-“*web cam”* tramite l-internet fejn huwa kien jghid li qieghed gewwa l-Izrael jilghab ma’ tim lokali hemmhekk pero` llum-il gurnata l-kuntatt mal-intimat inqata` kompletament;
8. Illi sahansitra l-intimat informa lir-rikorrenti li huwa kellu tifel iehor minn terza persuna u dana wara li telaq minn Malta;
9. Illi waqt il-kuntatt fuq imsemmi l-intimat hedded diversi drabi li jigi lura Malta sabiex jiehu t-tifel;
10. Illi llum-il gurnata l-mittenti ilha minn Dicembru tas-sena 2010 ma jkollha kuntatt mal-intimat u ma tafx fejn huwa qed jirrisjedi u taf biss illi fil-passat ricenti ghamel perjodu jirresjedi gewwa l-Izrael hekk kif ‘l fuq spjegat;
11. Illi r-rikorrenti intavolat mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 79/11 liema mandat giet milqugh fit-12 t’ April 2011 u liema mandat huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;
12. Illi l-intimat mhux qed imantni lill-ibnu;
13. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tal-1 t’April 2011 sabiex tiftah il-kawza odjerna liema digriet huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja tat-tifel minuri V;

2. Tordna lill-intimat ihallas manteniment adegwat lir-rikorrenti ghat-tifel minuri V;
3. Tordna u tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha nteress li l-minuri V ma' jittehidx barra minn Malta;
4. Tordna u tiddikjara illi l-minuri V m'ghandux jittiehed barra minn Malta mill-intimat;
5. Tinibixxi definittivament lill-intimat milli jiehu lill-minuri V barra minn Malta;
6. Tordna illi b'effett tal-eventwali sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-ligi, l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 79/11, komprizi dawk l-ordniijiet moghtija bis-sahha tal-istess mandat lill-Ufficjali msemmija fil-mandat jibqghu definittivament fis-sehh;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati noe li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissotomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu aktar il-fatti;
2. Illi r-rikorrenti trid tiddikjara jekk tafx fejn jinsab l-intimat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Rat in-nota tal-attrici tas-7 ta' Dicembru 2011, li permezz taghha cediet it-tieni talba taghha fir-rikors promotur;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri V, tant li l-istess attrici filwaqt li titlob il-kura u l-kustodja tal-istess imsemmi minuri, ghamlet talba ghal ordni ta' manteniment li tithallas mill-intimat, talba sabiex il-minuri jibqa' hawn Malta u li l-minuri ma jittihidx barra minn Malta mill-intimat u talba sabiex l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 79/11[1] komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha tal-istess mandate imsemmi jibqghu definittivament fis-sehh.

Min-naha taghhom, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-intimat assenti, ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu aktar fatti.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

L-attrici tikkontendi li wara li r-relazzjoni taghha u tal-intimat assenti spiccat b'mod definit, l-istess intimat (u dan sakemm baqa' jghix hawn Malta) kien jara lill-minuri V li twieled nhar l-24 ta' Dicembru 2006[2] b'mod sporadiku u meta kien jissoministra xi forma ta' manteniment ghall-istess minuri, dan kien ikun f'ammonti rrizorji u b'mod irregolari. L-attrici tghid li kienet tibki lill-intimat sabiex jibqa' jzomm kuntatt ma' ibnu izda l-intimat, ghalkemm kien joqghod ferm vicin tar-residenza tal-istess attrici, huwa rari kien imur jara lil ibnu. Lanqas ma kien icempel ta' spiss jew ghall-anqas jistaqsi dwar kif inhu l-istess minuri. Imbaghad, wara li l-intimat telaq jghix barra minn Malta, qatt ma rega' gie lura izda ghall-bidu zamm kuntatt mal-istess attrici permezz tal-*internet* jew permezz tat-*telephone*. L-attrici tghid li waqt dawn il-konversazzjonijiet, l-intimat kien jheddidha li kien ser jigi lura Malta sabiex sussegwentement isiefer barra mill-gzejjer Maltin bit-tifel b'kollox, u dan wara li kienet irrifjutat li tmur l-*immigration*

[1] Esebit a fol 5 tal-process
[2] Ara c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri esebit a fol 4 tal-process

biex tirrangalu halli jkun jista' jerga' jilghab il-*football* Malta. Illum il-gurnata, jidher li l-kuntatt mal-intimat intilef ghal kollox u ghalhekk, miz-zmien kollu li l-istess intimat telaq minn Malta, kienet l-attrici li hadet hsieb il-minuri u rabbietu. Omm l-attrici tikkonferma wkoll dak li tistqarr bintha.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm ma semghet ebda provi konkreti min-naha tal-intimat, jirrizulta bl-aktar mod car li ghall-anqas miz-zmien meta l-intimat telaq barra minn Malta, kienet l-attrici li assumiet il-kura u l-kustodja effettiva (kif ukoll legali permezz ta' digriet temporanju datat tad-9 ta' Mejju 2011)[3]. Jirrizulta car ukoll li l-istess attrici ghandha l-interessi tal-minuri ghal qalbha, tant li intavolat kemm il-proceduri odjerni kif ukoll il-mandat ta' inibizzjoni ta' partenza fuq il-minuri sabiex tassigura li l-intimat ma jergax jigi lura u jahtaf lill-minuri. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici hija kapaci tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod li tista', kif wara kollox ilha taghmel ghal diversi snin issa.

Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, kawzi simili ghal dik odjerna jridu jigu decizi necessarjament fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[4] fejn gie dikjarat li *"**Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal**"* kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[5] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[6] fejn gie ritenut li *"**r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal**".* Il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun bazata d-decizjoni tal-Qorti.

---

[3] Ara a fol 18 tal-process
[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kollha hekk kif dedotti ad eccezzjoni tat-tieni talba taghha relatata mal-manteniment, u dan *stante* li permezz ta’ nota tal-attrici stess datata s-7 ta’ Dicembru 2011, hija cediet it-tieni talba taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, b’dan illi l-ispejjez tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------